MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2014

Numru. 770/2003

**PULIZIJA**
**SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI**

**VS**

**EMANUEL CIAPPARA**
**ANGELO CIAPPARA**
**OMISSIS**
**CHARLES CIAPPARA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Emanuel Ciappara, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 52781 (M), l-imsemmi Angelo Ciappara, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 527082 (M), l-imsemmi Carmel Ciappara, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 540357 (M) u l-imsemmi Charles Ciappara, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 338986 (M).

**Akkuzati talli:**

Lil Emanuel Ciappara wahdu talli:

- Fid-9 ta’ Settembru 2003 għall-ħabta tas-sitta u nofs ta` filghaxija (6:30 p.m.) fis-Siġġiewi dolożament bil-ħsieb li jikkometti delitt u cioe’ li joqtol jew li jqiegħed il ħajja ta’ Osama Shalabi f’periklu ċar, wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volonta’ tagħha;

- Fid-9ta’ Settembru 2003 fis-Siġġiewi u fi bnadi oħra f’dawn il-gżejjer, ippermetta lil Charles Ciappara u persuna li għada ma laħqitx l-eta’ ta’ tmintax il-sena, issuq vettura ta’ l-għamla Toyota bin-numru tar-reġistrazzjoni EBH768 mingħajr liċenzja mid-Direttur tal-Liċenzji ta’ l-Awtorita’ Dwar Transport (liċenzja tas-sewqan) u b’hekk ma kienx kopert b’polza ta’ sigurta dwar riskji ta terzi persuni;

Lkoll flimkien akkuzati talli:

- Fid-9 ta’Settembru 2003 għall-ħabta tas-sitta u nofs ta` filghaxiija (6:30 p.m.) fis-Siġġiewi ikkagunaw feriti ta natura gravi, liema feriti jistgħu jġibu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f’waħda mill-idejn ta’ Osama Shalabi ta’ nazzjonalita’ Libjana skond ma ċċertifikat Dr. Moira Grech M.D. ta’ l-Isptar San Luqa;

- Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, b’xi mod li jkun volontarjament kissru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku

Lil Carmel Ciappara waħdu akkuzat talli:

- Fid-9 ta’ Settembru 2003 għall-ħabta tas-sitta u nofs ta` filghaxija (6:30 p.m.) fis-Siġġiewi rrenda ruhu kkompliċi f’delitt ta’ tentattiv ta’ omiċidju billi għen jew assista lill-awtur tad-delitt, u cioe’ lil Emanuel Ciappara , fl-atti li bihom id-delitt ġie ppreparat jew ikkunsmat;

- Nhar id-9 ta’ Settembru 2003 fis-Siġġiewi u fi bnadi oħra f’dawn il Gzejjer saq vettura ta’ l-għamla Toyota bin-numru tar-reġistrazzjoni

EBH768 mingħajr liċenzja maħruġa mid-Direttur tal-Liċenzji ta' l-Awtorita' Dwar Transport (liċenzja tas-sewqan) u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' sigurta dwar riskji ta' terzi persuni.

Lil Emanuel Ciappara u Carmel Ciappara weħedhom akkuzati talli:

- Fid-9 ta' Settembru 2003 għall-ħabta tas-sitta u nofs ta` filghaxija (6:30 p.m.) fis-Siġġiewi, bla ordni skond il-Liġi ta' l-Awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil imsemmi Osama Shalabi kontra l-volonta tiegħu filwaqt li ġie offiż fuq il-persuna u mhedded bil-mewt.

Lil Emanuel Ciappara u Angelo Ciappara weħedhom akkuzati talli:

- Fid-9 ta` Settembru 2003 ghal habta tas-sitta u nofs ta` filghaxija (6:30 p.m.) fis-Siggiewi, bla ordni skont il-Ligi ta` l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lill-imsemmi Osama Shalabi kontra l-volonta` tieghu filwaqt li gie offiz fuq il-persuna u mhedded bil-mewt.

Lil Emanuel Ciappara u Angelo Ciappara wehedhom akkuzati talli:

- Fid-9 ta` Settembru 2003 ghal habta tas-sitta u nofs ta` filghaxija (6:30 p.m.) fis-Siggiewi zammew u garrew strument li jaqta` u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
- Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, waqt li kienu qedghin iwettqu delitt kontra l-persuna kellhom fil-pussess jew fuq il-persuna taghhom arma regolari;

Lil Carmel Ciappara wahdu akkuzat talli:

- Fid-9 ta` Settembru 2003 ghal habta tas-sitta ta` filghaxija (6:00 p.m.) fil-Qrendi, minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra Osama Shalabi;
- Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra il-persuna ta` Osama Shalabi sabiex jingurajah, idejjqu jew jaghmillu hsara.

<u>Lil Angel Ciappara wahdu akkuzat talli:</u>

- Ikkometta reati waqt il-perjodu operattiv ta` sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Migistrati datata 28 ta` Ottubru, 2002.

**Il-Qorti:**

Wara li semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat l-artikoli 402 (1) (b), 41 (1) (b), 211 (1) (2) u l-artikoli 214, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-artikolu 338 (dd), 339 (b), 339 (d), 86 u 87 (1) (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, 3 (1), 3 (2) (c) u 3 (2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta` Malta, 13 u 26 (a) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta` Malta, l-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-artikoli 28A, 28B, 28C, 28D, 28E, 28F, 28G u 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-artikoli 382 A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li l-Qorti rat estratt tac-certifikat tal-mewt ta` Charles Ciappara li miet fil-mori tal-kawza, u ghalhekk fil-konfront ta` dan l-akkuzat il-procediment huwa ezawrit;

Il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza fuq il-provi li hemm.

Fil-konfront tal-imputat Angelo Ciappara, il-Qorti ma tistax issib lil dan l-istess imputat hati kif akkuzat u ghalhekk tilliberah.

Fil-konfront tal-imputat Emanuel Ciappara, dina l-Qorti rat l-imputazzjonijiet migjuba kontrih u qiedgha ssibu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Wara li tosserva li l-feriti sofferti mill-*parte civile* kienu ta` natura gravi izda mhux li jikkawzaw sfregju u wara li hadet in konsiderazzjoni l-fatt li din il-kawza giet inizjata fis-sena 2003 u li l-

imputati dejjem attendew kull seduta li nzammet kif ukoll wara li l-Qorti temmen illi dan il-process dam *oltre* kull zmien ragonevoli bl-applikazzjoni tal-Artikolu 227 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta li titratta dwar provokazzjoni; il-Qorti tiddikjara li r-reazzjoni tal-imputat dakinhar hija skuzabbli minhabba l-fatt li huh, Angelo, kien gie aggredit quddiem ghajnejh u li kien sofra dak illi l-quddiem gie stabilit bhala feriti ta` natura gravi. Dan huwa sostnut fis-sentenza esebita fil-konfront ta` Osama Shalabi fejn huwa ammetta l-akkuzi fil-konfront tieghu li kkaguna ferita ta` natura gravi fuq l-imputat Angelo Ciappara.

Jirrizulata wkoll li wara li Osama Shalabi kkaguna dawn il-feriti fuq Angelo Ciappara, huwa harab mill-post bil-vettura tieghu. Ghaldaqstant u ghal dawn il-motivi u cioe`:

1. Id-dewmien eccessiv ta` dan il-process kriminali;

2. Il-provokazzjoni ppruvat ta` Osama Shalabi;

din il-Qorti tillibera lil Emanuel Ciappara bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor ghal zmien ta` tlett (3) snin mil-llum a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------